

Brussell, 13 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8427/25

LIMITE

CORLX 415
CFSP/PESC 624
RELEX 506
COEST 329
FIN 453

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni u Regolament tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja

1. Fit-8 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja. Ir-Regolament (UE) 2024/2642 jagħti effett lid-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643.
2. Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew ikkundanna l-kampanja ibrida tar-Russja, inkluż is-sabotaġġ, it-tfixkil tal-infrastruttura kritika, l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza, u t-tentattivi biex tiġi mminata d-demokrazija, inkluż fil-proċess elettorali, kontra l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Il-Kunsill iddikjara li kien ser ikompli jsaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom u juża bis-sħiħ il-mezzi kollha disponibbli biex jipprevjeni u jiskoraġġixxi l-attivitajiet ibridi tar-Russja u jirreaġixxi għalihom.
3. Fis-27 ta' Jannar 2025, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà nnotat li l-azzjonijiet ibridi tar-Russja qed jizjeddu fil-frekwenza u fl-intensità.

4. Għalhekk huwa xieraq li jiġu introdotti miżuri addizzjonali biex jiġu pprojbiti tranżazzjonijiet b'assi tanġibbli li jappoġġaw attivitajiet destabilizzanti mmexxija mir-Russja, b'hal bastimenti, inġenji tal-ajru, proprjetajiet immobbli, portijiet, ajruporti, elementi fiżiċi ta' networks diġitali u ta' komunikazzjoni, li jappoġġaw attivitajiet destabilizzanti mmexxija mir-Russja.
5. Dawk il-miżuri addizzjonali jipprojbixxu wkoll ix-xandir fl-Unjoni minn aġenziji tax-xandir speċifikament deżinjati. Dik il-projbizzjoni hija stabbilita fl-isfond tal-involvement tar-Russja f'kampanja sistematika u internazzjonali ta' manipulazzjoni tal-media u ta' distorsjoni tal-fatti sabiex issaħħaħ l-istrateġija destabilizzanti tagħha kontra l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.
6. Fit-2 ta' Mejju 2024, ir-Rappreżentant Għoli ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill (dokument 8423/25), u proposta għal Regolament tal-Kunsill (dokument 8425/25 + ADD1), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja.
7. Abbażi ta' dan, il-COREPER huwa mistieden:
 - jaqbel dwar l-abbozzi ta' Deċiżjoni u ta' Regolament tal-Kunsill;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill:
 - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 8424/25;
 - jadotta r-Regolament tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja kif jinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokumenti 8426/25 + ADD1.